# NISTA’ JEW MA NISTAX?

Aġġornat f’Awwissu 2012 *Maltese*

Dan il-fuljett jagħti dettalji dwar x’tista’ tagħmel u x’ma tistax tagħmel meta jkunu ddikjarati Fire Danger Periods (Perjodi ta’ Periklu tan-Nar), u fi ġranet ta’ Total Fire Ban (Ibbanjar Totali tan-Nar), meta nirien fil-miftuħ ikunu ristretti legalment.

CFA tiddikjara Fire Danger Periods (Perjodi ta’ Perikli tan-Nar) muniċipalità b’muniċipalità fil-bidu tat-temp sħun. Dawn ir-restrizzjonijiet jibqgħu sal-1 ta’ Mejju sakemm ma jinbidlux jew ikunu varjati. F’foresti Statali, Nazzjonali, Parks Statali u Reġjonali u fuq art pubblika protetta, restrizzjonijiet ta’ nar japplikaw matul is-sena kollha. Ikkuntattja l-uffiċċji tad-DSE u Parks Victoria għal parir dwar restrizzjonijiet ta’ nar għal dawn l-inħawi.

Total Fire Bans ikunu ddikjarati mill-CFA fi ġranet meta n-nirien x’aktarx li jkunu jistgħu jinfirxu malajr u jkun diffiċli biex tikkontrollahom. Il-multi talli wieħed iqabbad nar illegalment fil-Fire Danger Period (Perjodu ta’ Periklu tan-Nar) u f’Total Fire Ban Days (Ġranet ta’ Ibbanjar Totali tan-Nar) jinkludu multi kbar u possibilment ħabs.

| Nista’ jew ma nistax? | | Waqt il-Fire Danger Period (Perjodu ta’ Periku tan-Nar) | | F’Total Fire Ban Days (Ġranet ta’ Ibbanjar Totali tan-Nar) |
|---|---|---|---|---|
| **Nista’ nagħmel barbikju, inqabbad ħuġġieġa fil-miftuħ jew inqabbad nar għas-sħana jew kumdità?**<br>  | **IVA** | **Imma biss jekk:**<br>☑ Ir-riħ ma jkunx aktar minn 10 killometri fis-siegħa<br>☑ In-nar jitqabbad f’post għan-nar li jkun **mibni sewwa** jew fi trunċiera tal-anqas 30 ċentimetru fonda<br>☑ L-erja li tkun f’distanza ta’ 3 metri mill-perimetru ta’ barra tal-barbikju tkun ħielsa minn materjal li jaqbad<br>☑ In-nar ma jkunx jokkupa erja f’aktar minn metru kwadru u d-daqs u l-qisien ta’ fjuwil solidu wżati jkunu l-minimu neċessarju għall-iskop<br>☑ Persuna tkun preżenti l-ħin kollu waqt li n-nar ikun qed jaqbad u jkollha l-kapaċità u l-mezzi biex titfi n-nar<br>☑ In-nar jintefa kompletament qabel il-persuna tħalli l-post.<br>Innota li skond l-Att tal-CFA, ‘post għan-nar mibni sewwa’ jfisser post għan-nar li jkun mibni mill-ġebel, metall, konkrit jew kull materjal ieħor li ma jaqbadx biex iżomm il-perimetru tan-nar. Barbikju pproduċut kummerċjalment ikun ikkunsidrat bħala post għan-nar mibni sewwa. | **IVA**<br><br>**LE** | **Barbikjus li jkunu appliances fissi:**<br>☑ **li jitqabbdu bil-gass jew bl-elettriċità, li jkunu strutturi fissi u mibnija parmanenti mill-ġebel, metall, konkrit jew minn materjal ieħor li ma jaqbadx li jkunu ddisinjati esklussivament għall-preparazzjoni tal-ikel**<br>☑ **jew li jużaw gass jew elettriċità biss, li jkunu ddisinjati u manifatturati kummerċjalment esklussivament għall-preparazzjoni tal-ikel (inklużi barbikjus li jinġarru, u li meta jitqabbdu jkunu poġġuti f’pożizzjoni soda, sakemm:**<br>☑ l-erja f’distanza ta’ 3 metri mill-perimetru ta’ barra tal-barbikju tkun ħielsa minn materjal li jabqad<br>☑ ikollok jew hose kkonnettjat ma’ provvista ta’ ilma jew kontenitur b’ta’ lanqas 10 litri ta’ ilma għall-użu immedjat<br>☑ persuna adulta tkun hemmhekk il-ħin kollu meta n-nar ikun jaqbad li tkun kapaċi u jkollha l-mezzi biex titfi n-nar<br>☑ in-nar ikun mitfi għal kollox qabel il-persuna adulta titlaq mill-post.<br>**Nirien madwar kampijiet, nirien għas-sħana jew għall-kumdità personali huma bbanjati f’Total Fire Ban Days (Ġranet ta’ Ibbanjar Totali tan-Nar). Barbikjus u fran solidi u li jaħdmu bi fjuwil likwidu huma ibbanjati wkoll waqt Total Fire Ban Days (Ġranet ta’ Ibbanjar Totali tan-Nar).** |
| **Jien immexxi negozju tat-tħejjija tal-ikel (per eżempju katering), jew organizzazzjoni komunitarja/tal-karità/ li tiġbor il-fondi jew organizzazzjoni simili. Nista’ nissettja u nqabbad nar biex nagħmel barbikju jew spit f’funzjonijiet ta’ barra?**<br>  | **IVA** | **Imma biss jekk:**<br>☑ Ir-riħ ma jkunx aktar minn 10 killometri fis-siegħa<br>☑ In-nar jitqabbad f’post **mibni sewwa** għan-nar jew fi trunċiera tal-anqas 30 ċentimetru fonda<br>☑ L-erja li tkun f’distanza ta’ 3 metri mill-perimetru ta’ barra tal-appliance (barbikju jew spit) tkun ħielsa minn materjal li jaqbad<br>☑ In-nar ma jkunx jokkupa erja t’aktar minn metru kwadru u d-daqs u l-qisien ta’ fjuwil solidu wżati jkunu l-minimu neċessarju għall-iskop<br>☑ Persuna tkun preżenti l-ħin kollu waqt li n-nar ikun qed jaqbad u jkollha l-kapaċità u l-mezzi biex titfi n-nar<br>☑ In-nar jintefa kompletament qabel il-persuna tħalli l-post. | **IVA** | **Imma biss jekk ikollok permess bil-miktub maħruġ mill-CFA jew mill-MFB u timxi mal-kundizzjonijiet ta’ dak il-permess.**<br>Organizzazzjoni komunitarja, organizzazzjoni tal-karità jew organizzazzjoni nvoluta fil-ġbir ta’ fondi (per eżempju skola jew grupp sportiv involut fil-ġbir ta’ fondi) jistgħu japplikaw għall-permess biex iqabbdu nar biex jippreparaw l-ikel għal nies oħrajn waqt l-operat tagħhom. Dawn il-permessi jinħarġu minn – u skont id-diskrezzjoni - tal-uffiċċji lokali tad-Distrett tal-CFA, Kwartieri tal-CFA jew tal-uffiċċji taz-Zona tal- MFB.<br>Uffiċjali tal-Prevenzjoni tan-Nar Muniċipali ma jistgħux joħorġu dawn il-permessi. |

# NISTA' JEW MA NISTAX?

Aġġornat f'Awwissu 2012

| Nista' jew ma nistax? | | Waqt il-Fire Danger Period (Perjodu ta' Periku tan-Nar) | | F'Total Fire Ban Days (Ġranet ta' Ibbanjar Totali tan-Nar) |
|---|---|---|---|---|
| **Nista' nqabbad nar fil-miftuħ biex naħraq il-ħaxix, fdalijiet tal-ħaxix, ħaxix ħażin, pjanti żgħar jew veġetazzjoni oħra?**<br> | **IVA** | **Imma biss jekk:**<br>☑ Inti jkollok permess bil-miktub maħruġ minn Uffiċjal tal-Prevenzjoni tan-Nar ta' awtorità pubblika, l-Uffiċjal tal-Prevenzjoni tan-Nar Muniċipali jew mill-uffiċċju tad-Distrett tal-CFA<br>☑ Timxi mal-kundizzjonijiet ta' dak il-permess<br>☑ Persuna tkun preżenti l-ħin kollu waqt li n-nar ikun qed jaqbad u jkollha l-kapaċità u l-mezzi biex titfi n-nar<br>☑ In-nar jintefa kompletament qabel il-persuna tħalli l-post.<br>Ħafna kunsilli jibbanjaw ħruq fi ġranet ta' alert ta' smogg jew f'ċerti lokazzjonijiet jew f'ċerti ħinijiet fil-muniċipalitajiet tagħhom. Iċċekkja mal-Uffiċjal tal-Prevenzjoni tan-Nar Muniċipali. | **LE** | In-nirien kollha fil-miftuħ biex jinħaraq ħaxix, ħaxix u siġar niexfa, qasbija jew skart ikunu bbanjati waqt Total Fire Ban Days (Ġranat ta' Ibbanjar Totali tan-Nar).<br>Kull permessi li jinħarġu mill-Uffiċjali tal-Prevenzjoni tan-Nar Muniċipali jkunu sospiżi waqt kull Total Fire Ban Days (Ġranet ta' Ibbanjar Totali tan-Nar). |
| **Nista' nsuq vettura f'postijiet fejn il-vettura tkun f'kuntatt ma' uċuħ tar-raba', ħaxix, fdalijiet tal-ħaxix, ħaxix ħażin, pjanti żgħar jew veġetazzjoni oħra?**<br> | **IVA** | **Imma biss jekk il-vettura jkollha tagħmir effiċjenti biex ma tagħmilx ħoss żejjed (per eżempju muffler) li jgħaddi d-duħħan kollu mill-magna mit-tagħmir li jnaqqas il-ħoss.**<br>Għandek tevita li ssuq vetturi f'veġitazzjoni niexfa f'kundizzjonijiet sħan u ta' nixfa, anke jekk ma tkunx Total Fire Ban Day (Ġurnata ta' Ibbanjar Totali tan-Nar), minħabba r-riskju li tikkaġuna s-sistema taħraq tad-duħħan tal-vettura. | **IVA** | **Imma biss jekk il-vettura jkollha tagħmir effiċjenti biex ma tagħmilx ħoss żejjed (per eżempju muffler) li jgħaddi d-duħħan kollu mill-magna mit-tagħmir li jnaqqas il-ħoss.**<br>Dan għandu jkun evitat fejn huwa possibbli, minħabba l-periklu estrem ta' nar li jinħoloq minn veġetazzjoni niexfa u sistemi ta' egżost jaħarqu ħafna. |
| **Nista' nuża chainsaw, trimmer tal-pjanti jew tal-ħaxix jew lawn mower?**<br>  | **IVA** | **Chainsaws, trimmers tal-pjanti jew tal-ħaxix jew lawn mowers *jistgħu jintużaw f'veġetazzjoni* ħadra mingħajr limitu.**<br>Imma, għall-użu *f'veġetazzjoni li ma **tkunx** ħadra*, chainsaws, trimmers tal-pjanti jew tal-ħaxix jew lawn mowers għandhom ikunu:<br>☑ Ħielsa minn kull nuqqasijiet u difetti mekkaniċi li jistgħu jikkaġunaw nar li jinxtered<br>☑ Ikollhom spark arrester effiċjenti<br>☑ Ikollhom erja ta' lanqas 3 metri madwar il-magna nadifa minn materjal li jaqbad<br>Minbarra hekk, l-operatur tal-apparat, li għandu jkun preżenti l-ħin kollu li l-apparat ikun użat, għandu jġorr wieħed minn dan it-tagħmir biex iwaqqaf in-nar:<br>› tal-anqas knapsack spray pump waħda, li tkun taħdem, iċċarġjata kompletament bl-ilma, b'kapaċità ta' mhux anqas minn 9 litri ta' ilma<br>› tal-anqas fire extinguisher wieħed tal-ilma (bi pressjoni storjata), li jkun jaħdem, iċċarġjat kompletament bl-ilma u miżmum skont il-pressjoni korretta, b'kapaċità ta' mhux anqas minn 9 litri.<br>Innota li l-ispark arrester, in-knapsack spray pump u l-fire extinguisher tal-ilma msemmija hawn fuq għandhom ikunu skont l-iStandards Awstraljani li japplikaw. | **IVA** | **Għal Fire Danger Period (Perjodu ta' Periklu tan-Nar).**<br>Madankollu, jekk huwa possibbli, ipposponi dan ix-xogħol, billi r-riskju li tibda nar huwa għoli ħafna. |

mfb.vic.gov.au MFB

cfa.vic.gov.au CFA

PREPARE. ACT. SURVIVE. FireReady State Government Victoria

# NISTA’ JEW MA NISTAX?

Aġġornat f’Awwissu 2012

| Nista’ jew ma nistax? | | Waqt il-Fire Danger Period (Perjodu ta’ Periku tan-Nar) | | F’Total Fire Ban Days (Ġranet ta’ Ibbanjar Totali tan-Nar) |
|---|---|---|---|---|
| **Nista’ nagħmel attivitajiet li jinkludu:**<br>› **iwweldjar, tisnin, naħraq faħam, nistanja jew qtugħ bil-gass**<br>› **nibdel il-post tan-naħal**<br>› **naqla’ l-għasal**<br>› **manutenzjoni ta’ ferroviji**<br>› **insaħħan bitum?**<br> | **IVA** | **Imma biss jekk:**<br>✓ Ilqugħ jew protezzjoni kontra n-nar tkun f’qagħda li tista’ tilqa’ xrar, metall jaħraq jew fdal imdewweb tal-metall min-nar<br>✓ Erja li tkun tal-anqas 1.5 metri bogħod minn fejn ikun qed isir ix-xogħol tkun ħielsa minn materjal li jaqbad jew imxarrba biżżejjed biex in-nar ma jinxteridx<br>✓ Inti jkollok provvista ta’ ilma ritikulat jew knapsack bl-isprej tal-ilma li jkun fiha tal-anqas 9 litri ta’ ilma<br>✓ Il-fdalijiet u materjal jaħarqu kollha tax-xogħol li tkun qed tagħmel jitpoġġew f’reċipjenti li jifilħu n-nar<br>✓ Persuna tkun preżenti l-ħin kollu waqt li n-nar ikun qed jaqbad u jkollha l-kapaċità u l-mezzi biex titfi n-nar<br>✓ In-nar jintefa kompletament qabel il-persuna tħalli l-post. | **LE** | **Attivitajiet bħal:**<br>› **iwweldjar, tisnin, ħruq li jsir iswed faħam, tisnin jew qtugħ bil-gass**<br>› **bdil tal-post tan-naħal**<br>› **meta jinqala’ l-għasal**<br>› **manutenzjoni ta’ ferroviji**<br>› **tisħin ta’ bitum**<br>huma bbanjati f’Total Fire Ban Days (Ġranet ta’ Ibbanjar Totali tan-Nar) mingħajr permessi speċjali li japplikaw għal dawn il-ġranet. Dawn huma magħrufa bħala permessi ta’ Sezzjoni 40.<br>F’ċirkustanzi limitati, CFA jew MFB tista’ toħroġ permess f’Total Fire Ban Days (Ġranet ta’ Ibbanjar Totali tan-Nar) lil:<br>✓ organizzazzjonijiet komunitarji, organizzazzjonijiet ta’ karità, organizzazzjonijiet ta’ ġbir ta’ fondi,<br>✓ korporazzjonijiet statutorji, kunsilli<br>✓ operazzjonijiet industrijali jew tal-kummerċ<br>bl-iskop li jagħmlu x-xogħol tagħhom, jew għall-iskop tad-divertiment pubbliku, jew għal skopijiet reliġjużi jew kulturali.<br>Dawn il-permessi għandhom jiġu mill-uffiċċji Distrettwali tal-CFA, Kwartieri tal-CFA jew uffiċċji taż-Żona tal-MFB, u ma jistgħux jinħarġu minn Uffiċjali tal-Prevenzjoni tan-Nar Muniċipali. |
| **Nista’ nuża inċiniratur?**<br> | **IVA** | **Sakemm:**<br>1. Tiċċekkja mal-kunsill dwar kull liġijiet lokali li jistgħu jordnaw kundizzjonijiet jew jagħmlu restrizzjonijiet jew jipprojbixxu l-użu ta’ inċeniratur (per eżempju projbizzjoni fi ġranet ta’ alert ta’ smogg, f’ċerti nħawi, f’ċerti ħinijiet)<br>2. U l-ħtiġijiet li ġejjin ikunu sodisfati:<br>✓ In-nar ikun effettivament restritt fl-inċiniratur<br>✓ Ir-riħ ma jkunx aktar minn 10 killometri fis-siegħa<br>✓ L-art u l-ispazju fl-arja fi 3 metri mill-perimetru ta’ barra tal-inċiniratur ikunu ħielsa minn materjal li jaqbad<br>✓ Provvista tal-ilma adekwata biex titfi n-nar tkun disponibbli l-ħin kollu meta n-nar ikun qed jaqbad<br>✓ Persuna tkun preżenti l-ħin kollu waqt li n-nar ikun qed jaqbad u jkollha l-kapaċità u l-mezzi biex titfi n-nar<br>✓ In-nar jintefa kompletament qabel il-persuna tħalli l-post. | **LE** | L-użu ta’ inċiniratur huwa bbanjat f’Total Fire Ban Days (Ġranet ta’ Ibbanjar Totali tan-Nar). |

mfb.vic.gov.au MFB cfa.vic.gov.au CFA PREPARE. ACT. SURVIVE. FireReady State Government Victoria

# NISTA’ JEW MA NISTAX?

Aġġornat f’Awwissu 2012

| Nista’ jew ma nistax? | | Waqt il-Fire Danger Period (Perjodu ta’ Periku tan-Nar) | | F’Total Fire Ban Days (Ġranet ta’ Ibbanjar Totali tan-Nar) |
|---|---|---|---|---|
| **Nista’ nuża makkinarju tal-farm li jaħdem b’magna, imħaret, slashers, makkinarju li jħaffer jew li jagħmel it-toroq li jaħdmu b’magna li tisħon f’9 metri ‘il bogħod minn kull uċuħ tar-raba’, ħaxix, qasbija, ħaxix ħażin, veġetazzjoni li ma tkunx kibret jew veġetazzjoni oħra?**  | IVA | **Imma biss jekk il-makkinarju:**<br>☑ Ikun ħieles minn nuqqasijiet u difetti mekkaniċi li jistgħu jikkaġunaw nar li jinxtered<br>☑ Ikollu spark arrester li jaħdem (sakemm ma jkollux turbocharger jew exhaust aspirated air-cleaner)<br>☑ Ikollu tagħmir li jwaqqaf in-nar li jkun jikkonsisti f’xi wieħed minn dawn:<br>› tal-anqas knapsack spray pump waħda, li tkun taħdem, iċċarġjata kompletament bl-ilma, b’kapaċità ta’ mhux anqas minn 9 litri ta’ ilma<br>› tal-anqas fire extinguisher wieħed tal-ilma (bi pressjoni storjata), li jkun jaħdem, iċċarġjat kompletament bl-ilma u miżmum skont il-pressjoni korretta, b’kapaċità ta’ mhux anqas minn 9 litri.<br>Innota li l-ispark arrester, in-knapsack spray pump u l-fire extinguisher tal-ilma msemmija hawn fuq għandhom ikunu skont l-iStandards Awstraljani li japplikaw. | IVA | **Għall-Fire Danger Period (Perjodu ta’ Periklu tan-Nar).**<br>Madankollu, jekk huwa possibbli, ipposponi dan ix-xogħol, billi r-riskju li jibda xi nar huwa għoli ħafna. |

**Kif nista’ napplika għal Permess?**

Tista’ tniżżel formula ta’ applikazzjoni minn cfa.vic.gov.au. Tista’ tikkuntattja wkoll lill-kwartieri tad-Distrett tal-CFA fil-lokal tiegħek jew titlob għal waħda biex tintbagħtlek bil-posta. Lista ta’ numri ta’ kuntatt tal-kwartieri tad-Distrett tal-CFA tinkiseb minn fuq il-website, jew tista’ titlob għal waħda billi ċċempel **(03) 9262 8444**.

Jekk teħtieġ permess biex topera fid-Distrett Metropolitan tan-Nar, tista’ tikkuntattja l-MFB fuq **(03) 9662 2311** jew mfb.vic.gov.au.

**Kif nikseb informazzjoni dwar nar tal-buxx jew nikseb informazzjoni dwar ħruq ippjanat fl-inħawi fejn noqgħod?**

Ċempel il-Victorian Bushfire Information Line fuq **1800 240 667** jew permezz tan-National Relay Service (Servizz tar-Relay Nazzjonali) fuq **1800 555 677**.

**Qed nippjana li naħraq fuq il-propjetà tiegħi. Kif navza lis-servizzi ta’ emergenza?**

Jekk inħariġlek permess għal ħruq mill-CFA jew minn Uffiċjal tal-Prevenzjoni tan-Nar Muniċipali, għandek tavża lill-Emergency Services Telecommunications Authority minn qabel billi ċċempel **1800 668 511**.

**Kif nirrapporta nar?**

Biex tirrapporta nar iddalja Triple Zero (Żero għal Tliet Darbiet) **(000)**.

Ippubblikat mill-CFA

mfb.vic.gov.au MFB cfa.vic.gov.au CFA

PREPARE. ACT. SURVIVE. FireReady State Government Victoria